MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2010

Numru. 475/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alexander Grech]**

**vs**

**Graham Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Graham Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 202491(M).

Akkuzat talli fil-15 ta’ Mejju 2010, ghall-habta tal-4.30 p.m.:

Waqt li kien fil-komun tal-Fgura Flats, Triq il-Lidna, Fgura, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq Maria Cassar u Doreen Cassar, skont ma ccertifika t-tabib Dr Alfred Grech MD mic-Centru tas-Sahha, Paola, u dan bi ksur tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontrol tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma (ponn tal-Hadid) minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli wkoll, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi li ghamel delitt kontra l-persuna ta' Maria Cassar u Doreen Cassar kellu fuq il-persuna tieghu arma (ponn tal-Hadid);

Talli wkoll, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Maria Cassar u Doreen Cassar weggaghhom bi kliem, b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D. b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar il-21 ta' Novembru 2008, li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu Nru. 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, imbotta lil Maria Cassar u Doreen Cassar u dan sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih, u kkonferma tali akkuza anke wara li taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikolu 216, 252(1), 339(1)(l), 338 (dd), qed issib lill-imputat Graham Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(g) tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghal sentejn

prigunerija, sospizi ghal erba’ (4) snin, b’dan illi l-imputat ghandu jkun taht is-sorveljanza ta’ *probation officer* li ghandu jitqabbad ghal dan il-ghan, inkluz multa ta’ tlett mitt Ewro (€300).

Inoltre, il-Qorti qed timponi wkoll protection order taht l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal tnax-il (12) xahar u dan taht il-kundizzjonijiet stabbiliti skont digriet hawn anness.

Finalment tordna li kopja tal-Probation Order tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------